# Napoli 2009

Għas-seba' sena ż-żgħażagħ taċ-ĊAM Youths telgħu Napli għal esperjenza ta' volontarjat mas-Sorijiet ta' Mother Theresa. Kienu kważi 30 żgħażugħ u żagħżugħa flimkien ma' Fr Karm Debattista mssp, id-direttur taċ-ĊAM Youths. Din hi esperjenza ta' Geraldine, waħda miż-żgħażagħ.

Kien il-11 ta' Lulju meta filgħodu kmieni sibt ruħi l-ajruport bil-bagalja lesta għall-esperjenza tiegħi f'Napli.

Kif wasalna, fil-bieb tal-kunvent sibna xi residenti u s-sorijiet jilqgħuna b'idejhom miftuħa. Jumejn wara beda x-xogħol mat-tfal. It-tfal li jattendu l-*cologna* li tiġi organizzata kull sena, ġejjin minn *backgrounds* differenti. Ir-realtà ta' dawn it-tfal hija wisq diffiċli. Din is-sena l-esperjenza kienet xi ftit differenti peress li ma stajniex nieħdu lit-tfal il-baħar. Għall-bidu ħsibna li ser tkun diffiċli timla l-vojt li ħalla l-baħar fil-programm tagħna. Però, bejn pixxina u oħra, malajr sibna kif noffru lit-tfal li attendew ġranet mimlijin daqs bajda. Fil-ġranet li għaddejna fil-kunvent, it-tfal kienu jogħxew bl-*assembly* ta' filgħodu, crafts u logħob differenti. L-hena tiegħi kienet nara kull voluntier jipprova jagħmel il-ġurnata tat-tfal waħda mill-isbaħ.

Lura Malta inħoss li fix-xahar li għamilt ġewwa Napli tgħallimt ħafna affarijiet. Fosthom li napprezza dak li għandi f'pajjiżi u t-trobbija tiegħi.

Ta' spiss kont inħoss li dak li naqas lil dawn it-tfal fit-tfulija tagħhom, jittamaw li jsibuh x'imkien ieħor. Kull mument ppruvajt ngħaddih b'servizz lejn it-tfal, is-sorijiet u l-voluntiera li kienu qed jagħmlu l-istess esperjenza miegħi. Nispera li f'ħajti jerġa' jkolli esperjenzi simili, li jimlew qalbi b'ferħ mingħajr ma nfittxu.

**Geraldine**





# ĠURNATA STUDENTI

- Trid tibqa' tagħmel il-ġid għal dejjem?
- Trid ikollok min jibqà jitlob għalik?
- Trid ma tintesiex wara mewtek?

Dan jistà jseħħ billi tagħmel,

Fundazzjoni għal-ħamsa u għoxrin sena

## TA' ĠURNATA STUDENTI

Dan tagħmlu billi toffri €466 li bl-imgħax tagħhom inkunu nistgħu nżommu l-istudenti għal ġurnata. Dan jibqà jsir kull sena, għal ħamsa u għoxrin sena. F'ġurnata li tagħżel int:

**L-istudenti joffru l-quddiesa, t-talb, u dak kollu li jagħmlu matul il-ġurnata għalik jew għal min trid int.**

OTTUBRU 2009 / GĦADD 441
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP




# aħna lilkom

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB

NEWSPAPER POST

SOĊJETÀ MISSJUNARJA TÀ SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159

# L-Ewwel Professjoni

Fr. Martin Galea mssp
Formator tan-novizzi

**Il-Ħadd, 13 ta' Settembru, 2009, is-Soċjeta Missjunarja ta' San Pawl iċċelebrat okkazzjoni sabiħa ferm meta żewġ żgħażagħ, Br.Alexander Zammit u Br.Giovann Tabone, għamlu l-ewwel professjoni tagħhom fi ħdan l-istess Soċjetà.**

Fl-istess okkazzjoni, David Scicluna, John Michael Dimayacyac, mill-Filippini, u Inzamam Ul-Haque, mill-Pakistan, taw bidu għas-sena tan-Novizzjat, sena li fiha jirriflettu fuq il-ħajja MSSP u jaraw jekk il-Mulej hux qed isejħilhom biex jagħmlu dan l-istess pass.

Forsi diversi jistaqsu "X'inhi l-ewwel professjoni?" Il-Mulej isejjaħ lil xi wħud biex ikunu kompletament tiegħu fi ħdan xi familja reliġjuża jew oħra. Fil-każ tagħna il-Mulej sejħilna biex inkunu tiegħu fi ħdan is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Din l-għotja aħna nwettquha bl-għixien tal-voti reliġjużi, jiġifieri billi nwegħdu li ngħixu l-Kastità, il-Faqar u l-Ubbidjenza, kif ukoll d-disponibiltà li nagħtu servizz fil-missjoni fejn jibagħtuna s-superjuri tagħna. Nwegħdu li dan kollu ngħixuh fi ħdan is-Soċjetà tagħna skont ir-regola li hija tħaddan. L-ewwel darba li membru jagħmel din il-wegħda tissejjaħ "L-ewwel professjoni". Din tkun wegħda temporanja, jiġifieri għal sena. Il-membru jibqa' jġedded din il-wegħda għal sitt snin sakemm fl-aħħar din il-wegħda jagħmilha għal dejjem – dik li tissejjaħ "Il-Professjoni Perpetwa".

Mistiedna għal din l-okkazzjani kien hemm il-ġenituri u l-aħwa tagħhom, il-komunità ta' lajċi li tiltaqa' ġewwa Dar Ġ.de Piro kif ukoll diversi żgħażagħ qrib tagħna li anke huma qed ifittxu dak li l-Mulej irid minnhom. Ċertament, pass kuraġġjuż bħalma għamlu Br.Alex u Br.Giovann huwa ta' sfida għal oħrajn li l-Mulej qiegħed isejħilhom biex jimxu warajh.

Mument bħal dan jurina li l-Mulej għadu jsejjaħ. Diversi ma jisimgħux din is-sejħa għax ħadd ma jisfidhom biex jaħsbu u jitolbu fuqha, biex ifittxu verament x'inhi l-ħajja reliġjuża u jaraw dak li l-Mulej irid minnhom. Għalhekk huwa dmir tagħna, l-ewwelnett li nitolbu lil Mulej għal dawk iż-żgħażagħ li huwa qiegħed isejjaħ, kif ukoll li nħeġġu lil dawk qrib tagħna biex ma'jibżgħux ifittxu dak li l-Mulej irid minnhom.

Inżommu li dawn ħutna li għamlu dan il-pass fil-ħajja tagħhom biex il-Mulej iqawwihom fis-sejħa li għoġbu jagħmlilhom.





Bro. Alexander Zammit

Bro.Giovann Tabone

# Messaġġ ta' l-okkażjoni

**Kif qrajtu fl-ewwel faċċata Bro. Alexander Zammit mill-Mosta u Bro.Giovann Tabone minn Nadur wara s-sena novizzjat, ftit ta' granet ilu għamlu l-ewwel professjoni tagħhom. Aħna tlabnie hom biex jagħtuna messaġġ f'din l-okkażżjoni**

Din l-aħħar sena kienet esperjenza differenti għal kollox minn dak li kont għext s'issa fil-ħajja reliġjuża. Is-sena tan-novizzjat kienet verament importanti sabiex niskopri iktar lili nnifsi imma iktar u iktar biex niltaqa mal-Mulej iktar mill-viċin, biex insir naf aħjar kemm verament iħobbni u jixtieqni għalih. L-ambjent tan-novizzjat żgur għen, għaliex kien ambjent ta' ġabra kontinwa, bil-ġurnata mimlija b'mumenti ta' talb mal-Mulej. Nammetti li għall-bidu ma kienx faċli li naddatta għal dan l-istil ta' ħajja, u il-preżenza ta' Fr. Martin Galea li kien dak li ħa ħsiebna matul in-novizzjat, għenitni biex ngħix din l-esperjenza bl-aħjar mod. Żgur li din is-sena kienet essenzjali sabiex ngħaddi għal pass tant deċiżiv tal-professjoni; iġifieri li nagħti ħajti lill-Mulej fil-ħajja reliġjuża fi ħdan is-Soċjeta` Missjunarja ta' San Pawl.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-professjoni tagħna kienet verament mument speċjali għalina. Għalkemm konna aħna li iddeċidejna li nagħmlu dan il-pass f'ħajjitna imma żgur li kien il-Mulej li ggwidana għal-dan il-mument. L-okkażżjoni kienet speċjali ukoll għaliex konna imdawrin b'ħutna fis-Soċjeta` kif ukoll bil-familji u l-ħbieb tagħna. Inħossuna grati ħafna lejn is-Soċjeta` talli laqgħatna fi ħdanha u grati ukoll lejkom benefatturi tagħna li issostnuna matul il-mixja tagħna formattiva. Nitolbukhom tkomplu titolbu għalina biex nibqgħu ngħixu b'fedelta` il-ħajja reliġjuża li l-Mulej sejjħilna għaliha.

**Bro. Alexander Zammit mssp**

Meta nħares lura u nara kif Alla wassalni sa hawn ninduna li verament it-toroq ta' Alla huma bil-wisq differenti minn dawk li aħna nistgħu naħsbu.

Fl-iskola li kont nattendi sar seminar li mexxieh wieħed mill-membri tas-Soċjetà tagħna, dan offra li nagħmlu esperjenza fil-komunità formattiva f'Malta. L-ewwel esperjenza tiegħi kienet fil-Ġimgħa Imqaddsa, fejn inħoss li għall-ewwel darba iltqajt mal-Mulej u anke ma Knisja ħajja. Barra il-komunità formattiva tiltaqa fl-istess dar Komunità ta' lajċi li barra li tgħixu magħna fil-mumenti tal-liturġija, hija ta' sapport tul il-mixja tagħna.

Barra minn hekk jien kont qed nimxi din il-mixja flimkien ma żgħażagħ oħra li flimkien konna qed inħallu lil Mulej jiffurmana f'ħajja ta'fidi.

Wara li lestejt l-studju akkademiku neċċessarju u kont ilni f'din il-mixja għal ammont ta' snin ħassejt li Alla kien qiegħed issejjaħli biex ningħata għalih… billi nibda il-mixja lejn is-Saċerdozju, ħalli insir missjunarju fl-istess Soċjetà.

Jekk int zagħzugħ, li qed taqra dan li ktibt jien, u tħoss li tixtieq tagħmel xi ħaga sabiħa b'ħajtek nistidnek li tiġi sad-dar tagħna: *Dar G.De Piro, Triq il-Bir, St. Venera*.

**Bro Giovann Tabone mssp**

## L-eżempju jkaxkar

Jgħidu li l-kelma tqanqal u l-eżempju jkaxkar. U hekk ġara f'B'Kara. Għax wara l-ġest sabiħ li għamel il-Can. Dun Antoine Borg kappillan tal-Parocca tal-Imgarr is-Sur John Tonna aministratur tal-Knisja ta' Santu Rokku f'B'Kara offra 600 Ewros bħala Borża ta' Studju, għan nom tal-komunita li tattendi f'din il-knisja.Dan il-ġest is-Sur John ried jaghmlu fl-okkazzjoni tas-sena ddedikata għas-sacerdoti, bħal ma għamel il-kappillan tal-Imgarr.

Wara l-preżentazzjoni jiena rringrazzjajt lis-Sur John u lil kull min ta l-offerta tiegħu. Ħadt l-okkazzjoni biex nispjega li din id-donazzjoni ma' Boroz ta' studju oħra jkunu għajnuna biex



student tas-Soċjeta tagħna jasal biex isir missjunarju. Żidt ngħid ukoll, li l-Borża ta' Studju tista' tingħatha f'daqqa jew ftit ftit u anke bejn tnejn jew aktar nies.

**l-Editur**

# Ġużeppi De Piro Missjunarju (1)

**Ser inġibu ftit riflessjonijiet fuq kemm il-qaddej ta'Alla Mons. G. De Piro kien veru missjunarju.**



Meta Mons De Piro ġie biex iwaqqaf is-Soċjeta' tagħna mhux kulhadd fehem il-ħsieb tiegħu, inkuza l-Awtorita' Ekklesjastika.

Biss, l-iskop tal Fundatur kien dejjem ċar: *meta l-membri tas-Socjetà jidraw l-ewwel iħallu pajjiżhom biex jaħdmu fost l-emigranti, imbagħad ma jsibuhiex diffiċli biex imorru f'pajjiżi oħra u hemm iwettqu l-ħidma ad gentes;* it-tieni ħidma tas-Socjetà, *kellhom iwasslu lill-membri għand dawk li qatt ma kienu evanġelizzati*.

Il-Fundatur tant kien konvint minn dan il-għanli hu baqa' jsemmih kontinwament. Anke wara li fil-fatt waqqaf is-Soċjetà fit-30 ta' Ġunju 1910, De Piro kien isemmi l-missjonijiet f'pajjiżi li kien għadhom mhux evanġelizzati u l-ħidma fost l-emigranti Maltin.

Peress li l-Awtoritajiet Vatikani kienu għadhom mhux cari fuq il-ħsieb ta' De Piro, huwa kiteb hekk lil Mons Pietru La Fontaine fit-30 ta' Ġunju 1916: *"Meta jien għedt 'qabel kulħadd', bl-ebda mod ma ridt nagħmel dik l-esklużjoni li fehmet is-Sagra Kongregazzjoni* (tal-Evanġelizzazzjoni). *J'Alla jseħħ li dan l-Istitut ċkejken ta' Malta jkollu l-gieħ li jibgħat missjunarji qalb l-infidili, u fid-dinja kollha kemm hi! Imma, kif l-Eċċellenza tiegħek tifhem tajjeb, min-naħa tagħna nkunu qed nagħmluha ta' prużuntużi żżejjed jekk biss nixxennqu għal dan. Barra minn hekk jien xtaqt li t-titlu ta' l-Ordinazzjoni jkun dak tal-missjoni* (dan kien iż-żmien meta Ġwanni Vella kien beda joqrob biex jiġi ordnat suddjaknu u mbagħad bħala l-ewwel saċerdot tas-Soċjetà)*sabiex, fil-moħħ u l-qalb tal-membri żgħażagħ jien nonqox dejjem iżjed l-idea missjunarja. Inti, li taf xi ħaga fuq Malta, tifhem tajjeb kemm il-Malti hu marbut ma' art twelidu. Inti tifhem ukoll li l-idea tal-missjonijiet barranin, billi ma ssibx fejn taqbad, ikollha bżonn titrawwem*".

Kwazi erba' snin wara, f'April 1920, De Piro nnifsu mar Ruma, biex ikompli jiċċara l-ħsieb tiegħu u jltaqa' personalment mal-Kardinal Van Rossum, il-Prefett tal-Kongregazzjoni Propaganda Fide, u jitkellem miegħu direttament dwar l-għan ewlieni tas-Socjet

Mons La Fountaine kien Malta fl-1909 bħala Vizitatur Apostoliku.

## Ix-Xahar t'Ottubru ifakkarna fil-Missjunarji

**Trid tgħin xi missjunarju? Kif?**

Dan tista' tagħmlu billi, tagħżel ġurnata għażiża għalik, darba biss fis-sena, tibbukjaha minn qabel, u toffri Ð23 (euro) (Lm10) biex dakinhar tipprovdi l-għixien ta' missjunarju u tgħinu jlaħħaq max-xogħol pastorali u soċjali tiegħu.



**Il-Missunarju joffri għalik**

Quddiesa skont l-intenzjoni tiegħek, it-talb ta' l-Uffiċju Divin u l-apostolat ta' matul dik il-ġurnata